VERA KOPJA

Dr James Farrugia
Deputat Reġistratur

**MAĠISTRAT INKWIRENTI**
**ANTOINE AGIUS BONNICI**
**LL.D. M.A. (Dip. St.) Advanced LL.M. (Leiden)**

**Fl-atti tal-inkjesta dwar ir-rikors urġenti ta' Dr Jason Azzopardi tat-30 ta' Diċembru 2024 ai termini tal-artikolu 546(4A) tal-Kodiċi Kriminali**

**Illum 5 ta' Frar 2025**

**Il-Maġistrat Inkwirenti,**

Ra r-rikors urġenti u ġuramentat tal-Avukat Dr Jason Azzopardi tat-30 ta' Diċembru 2024 *ai termini* tal-artikolu 546(4A) tal-Kodiċi Kriminali sabiex tissokta inkjesta (*in genere*).

Fir-rikors tiegħu d-denunzjant l-Avukat Dr Jason Azzopardi jaħlef bil-ġurament illi jaf dwar fatti magħrufa minnu li jirrigwardaw il-Ministru tal-Ekonomija Silvio Schembri. Fir-rikors ġuramentat tiegħu d-denunzjant Dr Jason Azzopardi jiċċita sittax il-artikolu tal-aħbarijiet li dehru fuq is-siti *online* minn '*The Shift News*', *Newsbook*' u '*Times of Malta*' bejn is-snin 2022 u 2024. Il-Maġistrat sottoskritt mhux ser jidħol fid-dettal tal-kull artikolu li ġie iċċitat fir-rikors, però, in suċċint, dawn l-artikolu jgħidu hekk.

Il-maġġiorparti ta' dawn l-artikoli jirreferu għall-Awtorita' tal-Artijiet, li d-denunzjant Dr Jason Azzopardi jgħid li taqa' taħt il-Ministeru tal-Ministru Silvio Schembri. Dawn l-artikoli jgħidu illi l-Ministru Silvio Schembri għandu kontrol fuq din l-Awtorità, u biex żgurr iżid il-kontrol, impjega l-Kap tal-Persunal fil-Ministeru tiegħu, Roberta Albanese Dalli, bħala Segretarju fuq il-Bord tal-Awtorita' tal-Artijiet. Jgħidu wkoll illi l-

Minsitru Silvio Schembri impjega diversi kostitwenti tiegħu mal-Awtorita' tal-Artijiet.

Xi artikoli jitkelmu fuq il-mara tal-Ministru Silvio Schembri. Jgħidu li l-Kumpanija *DZF Ltd* gie reġistrata fl-indiriz tal-Minsitru u l-mara tiegħu f'Ħal Luqa. L-artikoli jgħidu wkoll illi l-mara tal-ministru hija l-uniku azzjonista ta din il-kumpanija. Il-*memorandum* tal-kumpanija jgħid illi din il-kumpanija ser tintuża għal skopijiet relatati ma żvilupp ta proprjetà. Skont dawn l-artikoli tal-ġurnali dan jagħmel il-kumpanija f'konflitt ta' interess mal-pożizzjoni tal-Ministru għaliex huwa responsabbli mill-Awtorita' tal-Artijiet.

Uħud minn dawn l-artikoli jirreferu għal tliet trasferiment ta' art pubblika li għamlet l-Awtorita' tal-Artijiet favur terzi. L-ewwel trasferiment li ssir referenza għalieh jirrigwarda art pubblika fil-Mellieħa. Id-denunzjant Dr Jason Azzopardi jirreferi għal-artikoli li jitkelmu fuq Paul Attard, ażżjonist fil-kumpanija *T&S Property Holdings,* li ngħata *the right of first refusal* sabiex jixtri din l-art fil-Mellieħa. Dawn l-artikoli jgħidu illi Paul Attard huwa propjetarju ta' parti żgħira mill-istess art u l-kumplament tal-art, li hija tal-Gvern, ngħatat lil Paul Attard b'ċens temporanju ta' valur li huwa ferm baxx ikkomparat ma kemm tiswa fis-suq tal-proprjetà.

It-tieni trasferiment li ssir referenza għalieħ fl-artikoli iċċitati mid-denunzjant Dr Jason Azzopardi huwa dak ta' art tal-Gvern fiż-żona industrijali ta' Ħal-far, b'valur ta' l-fuq minn 17 il-miljun. Skont dawn l-artikoli din l-art ngħatat lil Josef Dimech, azzjonist tal-kumpanija *JD Holdings Ltd.* Dawn l-artikoli jgħidu illi dan kien ftehim, li sar fl-2018, li permezz tiegħu din l-art ingħatat lil *JD Holdings Ltd* b'ċens temporanju għall-65 sena. Jgħid illi għalkemm l-art fiż-żona industrijali suppost tintuża għall-manifattura, il-gvern qiegħed jikkonċedi l-art għall-affarijiet oħra. Id-denunzjant Dr Jason Azzopardi jgħid illi Josef Dimech huwa is-sid tal-appartament f'ta Xbiex li fiħ jirrisjedi l-Ministru Silvio Schembri.

It-tielet trasferiment li ssir referenza għalieħ fl-artikolu iċċitati mid-denunzjant Dr Jason Azzopardi huwa dak ta art f'San Ġiljan. Jgħidu illi l-Awtorita' tal-Artijiet daħlet f'kuntratt ta bejgħ ma Anton Camilleri,

VERA KOPJA

Dr James Farrugia
Deputat Reġistratur

tramite l-kumpanija tiegħu *Garnet Investment limited,* lejliet l-elezzjoni tal-2022. Jgħid li l-valuazzjoni ta' din l-art li tammonta għal 620 metru kwadru hija ta' 209 miljun. Pero', Anton Camilleri xtara din il-biċċa art għal prezz ta' €130,000.

Id-denunzjat Dr Jason Azzopardi, jorbot dawn it-trasferiment mal-Ministru Silvio Schembri għaliex, skont id-denunzjant, u skont l-artikoli li huwa jiċċita, l-Ministru qiegħed juża proprjetà li tappartjeni jew li inbniet mil-kuntratturi li daħlu fi ftehim mal-Awtorità tal-Artijiet. Huwa jitkellem dwar kif il-Ministru Silvio Schembri għandu uffiċċju ġewwa Ħal-Luqa ġo binja li hija proprjetà tal- iżviluppatur Paul Attard li huwa ażżjonist fil-kumpanija tal-kostruzzjoni *GAP Developments*. L-artikolu Jgħid ukoll illi meta Paul Attard bena l-blokka fejn għandu l-uffiċċju l-ministru Silvio Schembri, biddel il-pjanti sabiex daħħal uffiċċju li illum huwa l-uffiċċju tal-Ministru.

Artikolu ieħor jitkellem dwar l-uffiċċju li għandu l-Ministru ġewwa s-Siggiewi. Jgħid li dan l-uffiċċju inbena minn Anton Camilleri, il-kuntrattur u l-iżviluppatur ta *Villa Rosa* f' San Giljan.

Hemm artikolu wieħed li jitkellem fuq self privat li ħa l-Ministru Silvio Schembri ta €80,000 u li dan is-self ma hux dikjarat. Jgħid illi l-Ministru ma tax informazzjoni dwar dan is-self.

Ra d-digriet tat-30 ta' Diċembru 2024 fejn ordna illi r-rikors urġenti u ġuramentat ta' Dr Jason Azzopardi tat-30 ta' Diċembru 2024, flimkien mad-dokumenti preżentati mal-istess rikors, jiġu notifikati lill-Ministru għall-Ekonomija Silvio Schembri li ngħata sas-7 ta' Jannar 2025 sabiex jippreżenta risposta *ai termini* tal-artikolu 546(4A) tal-Kodiċi Kriminali.

Ra r-rikors tal-Ministru tal-Ekonomija Silvio Schembri ippreżentat nhar it-3 ta' Jannar 2025 li permezz tiegħu talab estensjoni tat-terminu għar-risposta.

Ra d-diġriet tat-3 ta' Jannar 2025 fejn it-terminu għar-risposta tal-Minsitru Silvio Schembri ġie estiż għall-20 ta' Jannar 2025.

VERA KOPJA

Dr James Farrugia
Deputat Reġistratur

Ra r-risposta tal-Ministru Silvio Schembri ippreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Kriminali nhar l-20 ta' Jannar 2025 fejn ippreżenta diversi eċċezzjonijiet għalfejn ir-rikors tad-denunzjant Dr Jason Azzopardi ma għandux jintlaqa. Fir-risposta tiegħu l-Ministru Silvio Schembri jiddikjara illi r-rikors ta' Dr Jason Azzopardi tat-30 ta' Diċembru 2024 jammonta għal rapport falz fil-konfront tiegħu. Jiddikjara wkoll illi t-talba tad-denunzjant Dr Jason Azzopardi ma għandiex mis-sewwa u m'għandiex il-presupposti neċessarji meħtieġa sabiex tkun waħda proponibbli. Talab illi r-rikors ta' Dr Jason Azzopardi jiġi miċħud għalliex huwa frivolu u vessatorju u immirat biss li jkun eżerċizzju medjatiku. Talab lil Maġistrat sabiex jieħu kull provvediment li jidhirlu xieraq u opportun anki permezz ta' investigazzjoni ta' rapport falz fil-konfront tad-denunzjant Dr Jason Azzopardi.

Ra illi mar-risposta tiegħu d-denunzjat Ministru Silvio Schembri ippreżenta numru sostanzjali ta' dokumenti in sostenn għar-risposta tiegħu tal-20 ta' Jannar 2025.

Ra r-rikors tal-Ministru Silvio Schembri tal-21 ta' Jannar 2025 fejn talab illi r-rikors ta' Dr Jason Azzopardi u r-risposta tal-Ministru tal-Ekonomija Silvio Schembri jiġu appuntati għas-smigħ. Talab ukoll sabiex il-Maġistrat Inkwirenti jiffissa numru ta' seduti għas-smigħ u ġbir ta' provi qabel mal-Maġistrat Inkwirenti jgħaddi għad-digriet dwar il-ftuħ ta' inkjesta maġisterjali.

Ra d-digriet tat-22 ta' Jannar 2025 fejn it-talba tal-Ministru Silvio Schembri ġiet milqugħa limitatament sabiex l-Onorevoli Ministru Silvio Schembri jressaq is-sottomissjonijiet orali tiegħu dwar jekk għandux issir aċċess jew le *ai termini* tal-Artikolu 546(4A) tal-Kodiċi Kriminali.

Ra n-nota ġuramentata ta' Dr Jason Azzopardi tat-23 ta' Jannar 2025 li permezz tagħha informa lil Maġistrat Inkwirenti dwar informazzjoni li għandu fuq il-Ministru Silvio Schembri u ra d-dokument li ġie anness man-nota.

VERA KOPJA

Dr James Farrugia
Deputat Reġistratur

Ra d-digriet tat-23 ta' Jannar 2025 li permezz tiegħu ordna n-notifika tan-nota ta' Dr Jason Azzopardi tat-23 ta' Jannar 2025 kif ukoll id-dokument anness man-nota lid-denunzjat Ministru Silvio Schembri bid-dritt għar-risposta u sottomissjonijiet orali fis-seduta li ġiet appuntata għat-30 ta' Jannar 2025.

Ra d-digriet tal-24 ta' Jannar 2024 fejn is-seduta tat-30 ta Jannar 2025 ġiet rikjamata għas-27 ta' Jannar 2025 sabiex isiru sottomissjonijiet kif indikat fid-digriet tat-22 ta' Jannar 2025 kif ukoll sottomissjonijiet fuq in-nota ġuramentata tad-denunzjant Dr Jason Azzopardi tal-23 ta' Jannar 2025.

Ra l-verbal tas-seuta tas-27 ta' Jannar 2027 u dokument ippreżentat mid-denunzjat Ministru tal-Ekonomija Silvio Schembri waqt is-seduta. Sema' t-trattazzjoni tal-abbli difensur Dr Stefano Filletti.

**Ikkunsidra,**
**Ir-risposta tad-denunzjant il-Ministru Silvio Schembri:**

Id-denunzjat Ministru Silvio Schembri jikkontesta l-mod kif sar ir-rikors tad-denunzjant Dr Jason Azzopardi billi jiddikjara illi ma jeżistux il-presupposti formali tar-rapport *ai termini* tal-artikolu 546(4A). Id-denunzjat Ministru Silvio Schembri jippreżenta żewġ raġunijiet għal din il-kontestazzjoni. L-ewwel argument huwa illi l-kwerela issir biss meta persuna (jew il-kwerelant) juri li sar reat fil-konfront tiegħu jew tagħha, u għalhekk, fir-rapport ikun irid juri li ġie offiż b'reat personalment. It-tieni huwa illi l-artikolu 535 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara illi d-denunzjant, jew il-persuna li tagħmel ir-rapport, trid tkun taf personalment bil-fatti materjali li jsawru r-reat kriminali. Id-denunzjat Ministeru Silvio Schembri jgħid illi l-każ li preżenta d-denunzjant Dr Azzopardi jirreferi għal fatti li hu ma jafx bihom personalment għaliex dak li jaf joħroġ biss mill-ġurnali u għalhekk ir-rapport tiegħu ma hux legalment proponibbli. Id-denunzjat Ministru Silvio Schemrbi għid li din hija forma ta' *fishing expedition*.

VERA KOPJA

Dr James Farrugia
Deputat Reġistratur

Id-denunzjat Ministru Silvio Schembri jikkontendi illi skont il-liġi tagħna, l-investigazzjoni issir mill-Kummissarju tal-Pulizija hekk kif jipprovdi l-artikolu 349 tal-Kodiċi Kriminali. Jgħid ukoll illi l-irwol tal-Maġistrat Inkwirenti jiskatta meta l-pulziija eżekuttiva, waqt l-investigazzjoni tagħha, tara li hemm bżonn illi l-evidenza tiġi preservata permezz ta esperti, u għalhekk il-pulizija eżekuttiva tinforma lil Maġistrat Inkwirenti sabiex jiftaħ inkjesta bil-għan illi l-provi jiġu preservati. Jgħid ukoll illi meta l-pulizija eżekuttiva tirċievi rapport jew kwerela, u ma tmexxix b'kawża kriminali, teżisti proċedura speċjali li nsejħulha dik ta' sfida li ssir mill-kwerelant jew id-denunzjant quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. L-għan ta' din il-proċedura ta' sfida huwa sabiex il-Qorti tal-Maġistrati, u f'każ li deċiżjoni tiġi appellata, il-Qorti Kriminali, tiddeċiedi jekk hemmx raġunijiet u provi fuq bażi *prima facie* sabiex il-kummissarju tal-pulizija jipproċedi bil-każ.

Hawn id-denunzjant jikkompara il-livell ta' provi f'każ ta' sfida għall-livell li denunzjant għandu jippreżenta b'rikors *ai termini* tal-artikolu 546(4A). Jgħid illi l-kriterji tal-artikolu 546(4A) ma għandhomx jinqraw leġġerment sabiex mhux kwalunkwe persuna li għandha xi opinjoni soġġesstiva jkollha d-dritt awtomatiku li tippreżenta rikors *ai termini* tal-artikoli 546(4A). Jgħid illi ma għandux jkun hemm sitwazzjoni fejn tkun aktar faċli li wieħed jitlob li tinfetaħ inkjesta *ai termini* tal-artikolu 546(4A) milli kwerela jew denunzja quddiem il-pulizija.

Id-denunzjat Ministru Silvio Schembri jgħid ukoll illi l-leġislatur qatt ma ried illi inkjesta *ai termini* tal-artikolu 546(4A) tinfetaħ sempliċiment għaliex dik il-persuna temmen jew taħseb li sar reat. U għal dan il-għan għamel referenzi għad-dibattiti parlamentari ta' meta ġew diskussi l-emendi tal-2006.

Id-denunzjat Ministru Silvio Schembri jgħid ukoll illi d-denunzjant ta' Dr Jason Azzopardi kellu organi oħra quddiem minn seta jitlob li ssir investigazzjoni. Id-denunzjat Ministru Silvio Schembri jgħid illi d-denunzjant Dr Jason Azzopardi setgħa talab investigazzjoni quddiem organi oħra tal-istat, bħal quddiem l-Awditur Generali, jew quddiem il-

VERA KOPJA

Dr James Farrugia
Deputat Reġistratur

Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi u l-Bord tal-Gvernaturi, quddiem il-Pulizija u IAID, jew quddiem il-Kummissarju tal-Istandards.

Jgħid ukoll illi l-konsegwenzi għal ftuħ ta' din l-inkjesta huma gravi. Jgħid illi dak li jifhem il-pubbliku bil-ftuħ ta inkjesta huwa li r-reat verament sar u mhux li l-Maġistrat għadu ser jiddeċiedi jekk jiftaħx inkjesta jew le. Jgħid ukoll illi r-rikors tad-denunzjant Dr Jason Azzopardi ġa ġie soġġett għal eżerċizzju medjatiku tal-pubbliku għaliex Dr Jason Azzopardi stess għoġbu jiżvela fil-medja illi preżenta rikors quddiem il-Magistrat Inkwirenti fuq il-Ministru Silvio Schembri. Jgħid illi l-ftuħ tal-inkjesta tista' jkollha konsegwenzi gravissimi għall-Ministru Silvio Schembri u għalhekk talab illi t-talba fir-rikors tad-denunzjant Dr Jason Azzopardi tiġi mixtarra bir-reqqa.

Jgħid ukoll illi r-rikors huwa frivolu u vessatorju għaliex ma jikkontjeni ebda fatt dwar ir-reat u hu mimli b'fatti inveritieri li huma sensazzjonali. Id-denunzjat Ministru Silvio Schembri fir-ripsosta tiegħu jidħol fil-mertu tal-kull allegazzjoni li ssir fil-ġurnali u jippreżenta ammont sostanzjali ta' dokumenti sabiex jissustanzja dak li qiegħed jgħid. Jagħmel referenzi għal kull artikolu tal-liġi iċċitat mid-denunzjant u jagħlaq billi jagħmel referenza għal artikolu ta Ivan Camilleri (liema artikolu ġie esebit mar-ripsosta tiegħu) fejn jiddikjara illi minn kjarifiki li għamel kien sodisfatt u qatt ma reġa' kiteb fuq il-Ministru Silvio Schembri.

Għalhekk id-denunzjat Ministru Silvio Schembri talab illi r-rikors ta' Dr Jason Azzopardi tat-30 ta' Diċembru 2024 jiġi miċħud għalliex huwa frivolu u vessatorju u immirat biss li jkun eżerċizzju medjatiku. Talab lil Maġistrat sabiex jieħu kull provvediment li jidhirlu xieraq u opportun anki permezz ta' investigazzjoni ta' rapport falz fil-konfront tad-denunzjant Dr Jason Azzopardi.

VERA KOPJA

Dr James Farrugia
Deputat Reġistratur

**Kunsiderazzjonijiet fuq it-talba tad-denunzjant Dr Jason Azzopardi sabiex issir aċċess *ai termini* tal-artikolu 564(4A) u fuq ir-risposta tad-denunzjat Ministru Silvio Schembri:**

It-talba fir-rikors tad-denunzjant Dr Jason Azzopardi tat-30 ta' Diċembru 2024 hija ibbażata fuq l-artikolu 546(4A) tal-Kodiċi Kriminali. Dan l-artikolu jipprovdi għal proċedura speċjali meta rapport, denunzja jew kwerela issir minn ċittadin privat. L-artikolu 546(4A) jagħti d-dritt lill kull ċittadin privat illi jagħmel rapport, denunzja jew kwerela direttament lil Maġistrat Inkwirenti li jkun tal-għassa din in-nhar li jiġi preżentat ir-rapport. Din il-proċedura qiegħda tissejjaħ speċjali għaliex fil-maġġiorparti tad-drabi, inkjesta tinfetaħ mill-Kummissarju tal-Pulizija *ai termini* tal-artikolu 546 tal-Kodiċi Kriminali. Dan jiġri meta l-pulizija tirċievi rapport, denunzja, jew kwerela ġewwa l-għassa, u wara li tagħmel investigazzjoni preliminari, u wara li tikkunsidra jekk hemmx evidenza li għandha tiġi preservata, il-pulizija eżekuttiva titlob lil Maġistrat Inkwirenti li jkun għassa sabiex jiftaħ inkjesta, jitqabbdu l-esperti u saħansitra l-Maġistrat għandu s-setgħat oħrajn li joħroġu mill-Kodiċi Kriminali li jista' juża waqt l-aċċess sabiex l-evidenza kollha tibqa preservata.

Illi l-artikolu 546(4A) ma jitlob l-ebda eżawriment ta xi rimedji oħra qabel ċittadin privat jippreżenta rapport, denunzja jew kwerela quddiem il-Maġistrat Inkwirenti. Il-proċedura *ai termini* tal-artikolu 546(4A) lanqas ma hija proċedura li għandha tintuża biss f'każ li l-Kummissarju tal-Pulizija ma jmexxix wara li jirċievi rapport, denunzja jew kwerela. Fil-fatt, hemm proċedura oħra għal meta issir rapport, denunzja jew kwerela lill-Kummissarju tal-Pulizija, u l-Kummissarju tal-Pulizija jiddeċidi li ma hemmx lok li joħroġ l-akkużi kontra xi ħadd. Din hija regolata bl-artikolu 541 tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi illi meta l-Pulizija Eżekuttiva ma tkunx trid taġixxi wara rapport, denunzja, jew kwerela, tista' titlob b'rikors lil Qorti tal-Maġistrati sabiex tisma' lid-denunzjant u l-Kumissarju tal-Pulizija. F'każ li l-Qorti issib li *prima facie* hemm lok għad-denunzja, rapport jew kwerela, il-Qorti tal-Maġistrati għanda tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija li jmexxi bil-proċeduri meħtieġa.

VERA KOPJA

Dr James Farrugia
Deputat Reġistratur

Illi fuq dan il-punt ta' eżawriment ta' rimedji oħra, d-denunzjat Ministru Silvio Schembri ilmenta fir-risposta tiegħu illi d-denunzjant Dr Jason Azopardi seta' uża rimedji oħra qabel ma ippreżenta r-rikors tiegħi *ai termini* tal-artikolu 546(4A). Huwa semma l-Awditur Ġenerali, il-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi, u l-Board tal-Gvernaturi. Semma wkoll il-Kummissarju tal-Pulizija u IAID u l-Kummissarju tal-Istandards. Għalkemm dawn huma organi importanti li xogħolhom hu li jaraw illi l-operat tal-Istat miexi tajjeb, skont il-liġi u mingħajr abbuż, però dan ma jfissirx illi ċittadin privat irrid jeżegwrixxi xi rimedji oħra qabel ma jippreżenta rapport jew denunzja jew kwerela *ai termini* tal-artikolu 546(4A). Li kienu kien hekk, il-leġislatur kien jipprovdi dan fil-liġi. Imma il-leġislatur ma riedx hekk, anzi ried jagħti dan il-poter lil kull ċittadin li jmur direttament għand il-Maġistrat sabiex tinfetaħ inkjesta, dejjem fil-parametri li titlob il-liġi kif ser jiġi spjegat aktar l-isfel f'dan id-digriet.

Rigward min jista' jgħamel rapport, denunzja jew kwerela *ai termini* tal-artikolu 546(4A), d-denunzjat Ministru Silvio Schembri jgħid illi l-kwerela *ai termini* tal-artikolu 546(4A) għandha ssir biss meta l-kwerelant jew id-denuzjant juri li sar reat fil-konfront tiegħu jew tagħha personalment. Għalhekk, skont id-denunzjat Ministru Silvio Schembri, fir-rapport, denunzja jew kwerela, id-denunzjant jew kwerelant irid juri illi huwa ġie offiż b'reat personalment. Id-denunzjat Ministru Silvio Schembri jgħid ukoll illi l-artikolu 535 tal-kodiċi kriminali jagħmilha ċara illi d-denunzjant jew il-persuna li tagħmel ir-rapport tkun trid tkun taf bil-fatti materjali li jsawru ir-reat kriminali personalment.

Illi l-Maġistrat Inkirenti ma jaqbilx ma dawn l-argumenti. It-test użat fl-artikolu 546(4A) huwa "*meta r-rapport, id-denunzja jew il-kwerela jsiru lil Maġistrat taħt dan l-artikolu minn xi persuna li ma tkunx l-Avukat Ġenerali jew uffiċjal tal-pulizija [….].*" Dan l-artikolu ma jgħidx illi r-rapport jew id-denunzja għandha issir minn persuna li tkun sofriet hi personalment minn reat kriminali. Anzi għal kuntrarju ta' hekk, dan l-artikolu huwa wiesgħa ħafna sabiex jinkludi kull ċittadin privat li jrid jagħmel rapport, kwerela jew denunzja fuq reat billi jindika il-persuna suspettata u mingħajr ma għandu għalfejn juri li kien hu li sofra personalment minn dak ir-reat jew persuna suspettata. [illegible] ieħor li jsemmi id-

VERA KOPJA
Dr James Farrugia
Deputat Reġistratur

denunzjant huwa l-artikolu 538 tal-kodiċi kriminali li jipprovdi għal kwerela magħmula lill-pulizija minn persuna li hi offiża b'reat, liema artikolu ma hux applikabbli għad-denunzja li saret mid-denunzjant Dr Jason Azzopardi.

Id-denunzjat Ministru Silvio Schembri jirreferi wkoll għall-artikolu 535 tal-Kodiċi Kriminali li huwa l-artikolu li jirregola id-denunzja li ssir quddiem il-pulizija eżekuttiva. L-artikolu 535 jgħid hekk: "*Kull persuna tista' tagħmel denunzja lil uffiċjal tal-pulizija eżekuttiva ta' reat li tkun ġiet taf bih b'kull mod li jkun, u li għalieh il-pulizija tista' tmexxi ex officcjo.*" Id-denunzjat Ministru Silvio Schembri jgħid illi dan l-artikolu jimplika illi id-denunzjant irrid ikun jaf bir-reat personalment. Il-Maġistrat ma jaqbel xejn ma dan ukoll. Għal kuntrarju, l-artikolu 535 jgħid illi persuna tista' tagħmel denunzja ta' reat li tkun taf bih b'kull mod li jkun, għalhekk tista' tkun taf bih personalment jew tkun saħansitra saret taf bih minn terzi persuni. Hija il-kwerela *ai termini* tal-artikoli 538 li titlob illi persuna ikun jidhrilha illi hi offiża b'reat kif ġie indikat aktar il-fuq. Ma jkunx fl-interess tal-ġustizzja jekk ċittadin ikun jaf li sar reat jew li ser issir reat u ma jkollux il-mezz li jirrapporta dwar dak ir-reat lil pulizija eżekuttiva jew lil Maġistrat Inkwirenti f'każ ta' denunzja ai termini tal-artikolu 546(4A). Għalhekk dawn l-argumenti tad-denunzjat Ministru Silvio Schembri qed jiġu miċħuda.

Illi fir-rigward tas-sustanza tar-rapport, denunzja jew kwerela, d-denunzjat Ministru Silvio Schembri jgħid illi l-kriterji tal-artikolu 546(4A) ma għandhomx jinqraw leġġerment sabiex mhux kwalunkwe persuna li għandha xi opinjoni soġġestiva jkollha d-dritt awtomatiku li tippreżenta rikors *ai termini* tal-artikoli 546(4A). Jgħid illi ma għandux ikun hemm sitwazzjoni fejn tkun aktar faċli li wieħed jitlob li tinfetaħ injesta *ai termini* tal-artikolu 546(4A) milli kwerela jew denunzja quddiem il-pulizija. Jikkumpara l-livell ta' provi li d-denunzjant għandu bżonn f'każ ta' sfida at termini tal-artikolu 541 tal-Kodiċi Kriminali għall-livell li denunzjant għandu jippreżenta b'rikors *ai termini* tal-artikolu 546(4A).

Il-Maġistrat ma jaqbilx ma dan l-argument ukoll. Dan għaliex il-liġi taħseb għal dan billi tispeċifika kif għandu r-rapport, denunzja jew

VERA KOPJA
Dr James Farrugia
Deputat Reġistratur

kwerela u ladarba rapport, denunzja jew kwerela jsir skont il-liġi dan jiġi ikkunsidrat bħala validu. Id-denunzja, rapport jew kwerela huma istrumenti importanti ħafna u kull minn jagħmilhom huwa responsabbli għal dak li jidikjara. Fil-fatt il-liġi tipprovdi għal konsegwenzi serji għal meta jkun hemm kwerela frivola u vessatorija. Saħansitra l-pulizija lanqas ma jista' jmexxi fuq rapport anonimu u tista' tipproċedi biss fuq dak ir-rapport jew denunzja wara li tiżgura ruħha mill-flagranza tar-reat jew mill-fatti permanenti.

Id-denunzjat Ministru Silvio Schembri jikkontendi dwar il-livell ta' prova rikjest mid-denunzjant f'każ ta' rikors *ai termini* tal-artikoli 546(4A) u jgħid li dan għandu jkun l-istess bħal f'każ ta' sfida. Il-proċedura ta' sfida hija regolata bl-artikolu 541 tal-Kodiċi Kriminali u din hija reviżjoni tal-għaġir tal-pulizija eżekuttiva meta ma tkunx mexxiet wara rapport, kwerela jew denunzja. Għalhekk il-livell rikjest mil-liġi f'każ ta sfida huwa għola minn dak rikjest sabiex issir rapport, denunzja jew kwerela. Fil-verità lanqas huma komparabbli. Ma hux neċessarju illi sabiex persuna tmur tagħmel rapport, denunzja jew kwerela tkun trid tieħu magħha provi sal-livell ta *prima facie*.

Illi kif ġia ingħad, is-sustanza tar-rapport, denunzja jew kwerela huwa importanti għaliex mill-kontenut tagħha, il-Maġistrat irid jiddeċiedi jekk jagħmilx aċċess jew le mingħajr ma jidħol fil-mertu tal-fatti rapportati. l-artikolu 546(4A) jipprovdi illi sabiex il-Maġistrat jiddeċiedi li jagħmel aċċess, irrid jistabilixxi li l-prerekwiżiti meħtiega sabiex issir aċċess ikunu jeżistu. Illi għalhekk, apparti illi r-rikors irid ikun isemmi ċar il-persuna suspettata, hekk kif tajjeb għamel id-denunzjant Dr Jason Azzopardi, irrid ukoll jissodisfa il-prerekwiziti stabbiliti fis-subartikolu (1) tal-artikolu 546 tal-Kodiċi Kriminali. Dawn huma, l-ewwel, li r-reat jew reati jridu jkunu ta' piena li taqbeż it-tliet snin priġunerija. It-tieni illi s-suġġett materjali ikun għandu jeżisti.

Pero' dan ma jfissirx li jekk sempliċiment id-denunzjant isemmi lista ta' reati li jaqbżu t-tliet snin priġunerija u jiddikjara biss li s-suġġett materjali jkun għadu jeżisti, awtomatikament il-Maġistrat irrid jagħmel aċċess. Il-prerekwiżiti jridu joħorġu mill-kontenut tad-denunzja u dik id-denunjza

VERA KOPJA
Dr James Farrugia
Deputat Reġistratur

trid tkun miktuba bil-formalita' li titlob il-liġi. Dan sabiex minn ikun qiegħed jistudja d-denunzja, sew jekk il-pulizija eżekuttiva, sew jekk il-Maġistrat Inkwirenti, jkollu biżżejjed informazzjoni dwar x'inhu ir-reat, minn għamlu, u l-fatti li jsawru ir-reat biex b'hekk tittieħed azzjoni immedjata.

Fil-fatt, is-sub-artikolu (1) tal-artikolu 546 jipprovdi għal x'għandu jkun fija d-denunzja u jipprovdi illi d-denunzja għandu jkun fija deskrizzjoni tas-suġġett materjali u l-istat tiegħu, bid-dettalji kollha wieħed wieħed, u għandu jiġi msemmi l-istrument u l-mod li bih dan l-istrument seta' jġib effett.

Is-subartikolu (1) tal-artikolu 546 għandu jinqara flimkien mal-artikoli 536 tal-kodiċi kriminali li jipprovdi għal x'għandu jkun fija d-denunzja. Huwa minnu illi dak l-artikolu jaqa' taħt titolu ieħor fil-Kodiċi Kriminali u jirreferi għad-denunzja li ssir lil pulizija eżekuttiva, pero', id-denunzja li ssir lil Maġistrat Inkwirenti ma għandix tkun inqas fil-formalita li titlob il-liġi minn dik id-denunzja li tiġi preżentata quddiem il-pulizija eżekuttiva. Għalhekk dak li jipprovdi l-artikolu 536 tal-Kodiċi Kriminali għal-denunzja li ssir lil pulizija eżekuttiva japplika wkoll għad-denunzja magħmula *ai termini* tal-artikolu 546(4A). Dan mingħajr preġudizzju għal prerekwiżiti tal-artikolu 546(1) tal-Kodiċi Kriminali.

L-artikolu 536 jipprovdi illi "*id-denunzjat għandu jfisser ċar il-fatt bl-irqaqat kollha tiegħu, u għandu jagħti, kemm jista' jkun, dawk il-partikularitajiet kollha meħtieġa li jaċċertaw ir-reat, li jistabbilixxi x-xorta tiegħu kif ukoll li juru min huma l-awturi u l-kompliċi.*" Għalhekk, għalkemm sabiex issir aċċess il-Maġistrat għandu jistabilixxi li l-prerekwiżiti meġtieġa tas-subartikolu (1) tal-artikolu 546 jeżistu, u *cioe* jiġu indikati reati li jġorru piena ta' l-fuq minn tliet snin priġunerija u li s-suġġett materjali jkun għadu jeżisti, però, għandu wkoll jaċċerta illi d-denunzja saret fil-mod li titlob il-liġi, u dawn huma:

1. Is-suġġett materjali jrid jiġi deskritt bid-dettalji kollha wieħed wieħed.

VERA KOPJA

Dr James Farrugia

Deputat Reġistratur

2. Għandu jiġi imsemmi l-istrument u l-mod li bih dan l-istrument seta' jġib effett.
3. Il-fatti jridu jiġu spjegati bl-irqaqat kollha tagħhom.
4. Jissemmew il-partikolarijiet meħtieġa li jaċċertaw ir-reat.
5. Jippreżenta il-partikolarijiet li jistabbilixxu ix-xorta tar-reat.
6. Juri minn ikunu l-awturi u l-kompliċi.

Issa d-denunzjant Dr Jason Azzopardi ippreżenta rikors ġuramentat fejn iddikjara elenku ta' fatti magħrufa minnu. Immedjatament wara beda billi jiddikara dak li huwa ra u qara fuq pjattaformi *online* u jiċċita sittax il-artikolu tal-aħbarijiet ta' Malta, ippubblikati minn '*The Shift News*', *Newsbook*' u '*Times of Malta*' bejn is-snin 2022 u 2024. Jiġifieri hawn għandna sitwazzjoni fejn id-denunzjant qiegħed jgħid illi jaf b'fatt hu stress meta sussegwentement jiċċita artikoli tal-ġurnali. Allura is-sustanza prinċipali ta din id-denunzja hija l-artikoli tal-ġurnali. Għalhekk irid jiġi eżaminat jekk artikoli fil-ġurnali miktuba minn ġurnalisti għandhomx il-formalita' ta' denunzja kif titlob il-liġi.

Pero' qabel xejn għandu jiġi indikat illi mar-risposta tiegħu d-denunzjat Ministru Silvio Schembri ippreżenta dokument li ġie immarkat bħala (Dok A). Dan id-dokument għalkemm huwa iffirmat minn ċertu Ivan Camilleri ma ġietx ġuramentat. 'Dok A' fih lista ta' artikoli minn '*The Shift News*' li jġibu l-istess dati ta' dawk li ppreżenta d-denunzjant Dr Jason Azzopardi. Id-dokument jgħid illi Ivan Camilleri jiddikjara illi l-artikoli kollha li kiteb hu fuq il-Ministru Silvio Schembri ġew kjarifikati mill-Ministru.

Madankollu, in-nota li ippreżenta l-Ministru Silvio Schembri iffirmata minn Ivan Camilleri bħala ġurnalist ta' *The Shift News*' ma timplikax illi ma hemmx lok għal investigazzjoni għaliex dak li huwa ta' sodisfazzjon għal ġurnalist ma hux l-istess għal Qrati tagħna. F'dan l-istadju l-Maġistrat lanqas jista' jidħol fil-mertu ta dak li ġie iddikjarat fir-rikors u fl-artikoli iċċitati, lanqas ma jista jidħol fil-mertu tad-dokumenti kollha li ppreżenta d-denunzjat Ministru Silvio Schembri. Dak li għandu jiddetermina huwa sempliċiment jekk hemmx il-prerekwiżiti sabiex issir aċċess jew le, u li d-denunzja saret skont il-liġi.

VERA KOPJA

Dr James Farrugia
Deputat Reġistratur

Il-Maġistrat sottoskritt qara sew kull artikolu li ġie iċċitat fir-rikors ġuramentat ta' Dr Jason Azzopardi u wasal għal konklużjoni illi dawn l-artikoli ġurnalistiċi ma għandhomx il-forma ta' denunzja li titlob il-liġi bil-mod kif spjegat aktar il-fuq. l-ebda wieħed minn dawn l-artikoli iċċitati mid-denunzjant Dr Jason Azzopardi ma jiddeskrivi is-suġġett materjali tar-reati bid-dettalji kollha wieħed wieħed. L-ebda artikolu ma jsemmi l-istrument u l-mod li bih dan l-istrument seta' jġib effett tar-reat. L-ebda artikolu iċċitat mid-denunjzant Dr Jason Azzopardi ma jispjega r-reat bl-irqaqat kollha tiegħu. L-ebda minn dawn l-artikoli ma jippreżenta l-partikolarijiet meħtieġa li jaċċertaw li sar ir-reat jew li jistabbilixxu ix-xorta tar-reat.

Fl-artikoli iċċitati mid-denunjant Dr Jason Azzopardi jisemmew diversi nies li huma involuti fi trasferimenti ta' proprjetà tal-gvern però l-ebda wieħed minnhom ma ġie indikat bħala persuna suspettata. L-unika persuna suspettata hija l-Ministru Silvio Schembri. Issa is-suġġett materjali f'dan ir-reat fejn jidħol il-ministru Silvio Schembri ma ġiex spjegat fid-dettalji kollha tiegħu f'dawn l-artikoli fil-ġurnali. L-ebda wieħed minn dawn l-artikoli ma jindika dawk il-partikolarijiet meħtieġa li jaċċertaw li sar ir-reat mis-suspettat jew li jistabbilixxu x-xorta tar-reat fil-konfornt tas-suspetat Ministru Silvio Schembri. Għalhekk dawn l-artikoli ma jistgħux jitqiesu bħala denunzja hekk kif titlob il-liġi.

Sussegwentement, wara li d-denunzjant Dr Jason Azzopardi iċċita l-artikoli tal-ġurnali huwa iddikjara liema huma r-reati li saru mil-persuna suspettata u dawn huma, korruzzjoni (artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali), *trading in influence* (artikolu 121A tal-Kodiċi Kriminali), reati li għandhom x'jaqsmu mal-kontabilita' (artikolu 121B tal-Kodiċi Kriminali), interess privat f'aġġudikazzjoni (artikolu 124 tal-kodiċi Kriminali) u interess privat f'għoti ta' ordnijiet (artikolu 125 tal-Kodiċi Kriminali), u dawn flimkien ma artikoli tal-Kodiċi Kriminali oħrajn li jistabbilixxu l-kompliċita u reati kontinwati u oħrajn. Dawn ir-reati kolla jaqbżu it-tliett snin priġunerija pero' ma hux biżejjed li tagħmel lista ta reati li jaqbeż it-tliet snin priġunerija imma għandu jkun hemm deskrizzjoni dettaljata ta kull reat li d-denunzjant ikun qiegħed jiddikjara li sar. Deskrizzjoni ta' kull reat tfisser illi għandhom jiġu spjegati l-fatti li jsawwru ir-reat fil-

VERA KOPJA

Dr James Farrugia
Deputat Reġistratur

konfront tal-persuna suspettata u mhux diskussjoni akkademika dwar ir-reati.

Illi dak li għamel id-denunzjant fir-rikors tiegħu huwa illi indika u iċċita l-artikoli tal-liġi, ippreżenta diversi sentenzi fuq dawk ir-reati, jgħid id-denunzjant stess, sabiex ikunu ta' gwida għall-Maġistrat, u wara kull reat jikkonkludi illi dan ir-reat japplika għal-każ in-eżami mingħajr ma jispjega kif il-fatti jsawru ir-reat i jwasslu għal persuna suspettata.

Fil-kumplament tar-rikors, fejn id-denunzjant Dr Jason Azzopardi ma jkunx qiegħed jiċċita mill-artikoli tal-ġurnali *online*, huwa jiddikjara bil-ġurament illi l-Ministru Silvio Schembri ma spjegax minn fejn ħa s-self personali ta €80,000. Jiddikjara li l-Ministru Silvio Schembri qiegħed iħallas kera għolja ta' appartament minn għand kuntrattur li xtara proprjetà mingħand il l-gvern. Jiddikjara li l-Ministru kien involut meta art industrijali f'Ħal-far ngħatat bi prezz baxx u għal skopijiet mhux ta manifattura. Jiddikjara li l-ministru ma weġibx għal mistoqsija parlamentari fuq l-uffiċċju tiegħu ġewwa Hal-Luqa.

Taħt is-sezzjoni *Quid pro quo,* id-denunzjat Dr Jason Azzopardi jgħid illi la l-ministru mhux is-sid tal-proprjetajiet f'Hal Luqa u fis-Siġġiewi li juża bħala l-uffiċċju tal-kostitwenza, u lanqas jikrijhom, allura l-loġika tgħidlek li ngħatawlu b'xejn. Jiddikjara illi huwa infurmat li dawn l-uffiċini ngħataw lil Ministru b'xejn minn Paul Attard u Anton Camilleri jew minn terzi persuni f'isimhom u dan ifisser li *prima facie* huma każ ta' tixħim jew tentattiv ta tixħim ta membru parlamentari.

Jiddikjara illi l-Ministru għandu ġid mhux spjegat. Jiddikjara illi ma jistax ikun li l-ministru qiegħed jgħix mill-paga ta' Ministru u jgħix il-ħajja li jgħix u saħansitra għandu diversi kapriċċi bħal dgħajsa, tfal skejjel privati, self u kera ta' appartament, apparti spejjez tal-ħajja. Jgħid ukoll li tfaddil fil-bank żdied minkejja li hemm spejjeż kbar. Jiddikjara illi anki jekk tikkunsidra is-salarju tal-mara tiegħu xorta waħda jibda ġid mhux spjegat.

VERA KOPJA

Dr James Farrugia
Deputat Reġistratur

Jagħlaq billi għamel nota fejn jiddikjara illi għandu informazzjoni illi ċertu Stefan Abela huwa *silent partne* ma mal-Ministru Silvio Schembri fin-negozju.

Il-Maġistrat fehem illi l-maġġiorparti ta' dawn id-dikarazzjonijiet li għamel id-denunzjant huma kollha ibbażati fuq l-artikoli mill-ġurnali li huwa iċċita u għalhekk dawn huma sempliċiment konklużjonijiet li għamel id-denunzjant stess minn dawn l-artikoli ġurnalistiċi ta' '*The Shift News*', *Newsbook*' u '*Times of Malta*'. Għalkemm dak li ġie iddikjarat fir-rikors joħloq ċertu suspett però fis-sustanza ta' dak dikjarat ma hemmx id-deskrizzjoni li titlob il-liġi ta' x'inhu is-suġġett materjali, bid-dettalji kollha wieħed wieħed. Il-fatti jridu jiġu spjegati bl-irqaqat kollha tagħhom billi jiddeskrivu r-reat indikat u l-involviment tal-persuna suspettata.

Huwa għalhekk illi ladarba is-sustanza tar-rikors u f'dan il-każ tal-artikoli tal-ġurnali ma jindikaw b'mod ċar il-fatti li jsawru ir-reat fil-konfront tal-persuna suspettat, hawn il-Ministru Silvio Schembri, ma jistax jiġi determinat għal liema reat li jġorr il-piena ta' priġunerija ta' aktar minn tliet snin qiegħed jirreferi, u wisq anqas jekk is-suġġett materjali għadux jeżisti. Għalhekk din id-denunzja bil-mod kif ġiet preżentata ma tistax tintlaqa'.

Jifdal jiġi trattat ilment u talba li għamel id-denunzjat Ministru Silvio Schembri. L-ilment huwa illi l-ftuħ ta inkjesta jista' jsarraf għal konsegwenzi gravi fuq id-denunzjat Ministru Silvio Schembri. Mingħajr dubju dan huwa ilment fieragħ. Kull investigazzjoni jista' jkollha konsegwenzi gravi fuq dik il-persuna li tkun qed tiġi investigata u dan m'għadux jwaqqaf l-investigazzjoni milli issir. Pero', dak li huwa minnu huwa li ma hijiex prassi tajba illi investigazzjoni tieħu forma ta' diskussjoni pubblika għaliex din jista' jkollha konsegwenzi serji fuq il-preservazzjoni tal-provi.

Id-denunzjat Ministru Silvio Schembri talab illi r-rikors tad-denunzjant Dr Jason Azzopardi jiġi iddikjarat bħala frivolu u vessatorju, talab ukoll sabiex jittieħdu passi ta' ġurament falz fil-konfront ta Dr Jason Azzopardi.

VERA KOPJA

Dr James Farrugia
Deputat Reġistratur

Il-Maġistrat ma jikkunsidrax ir-rikors jew id-denunzja bħala fiergħa jew vessatorja minkejja li ma jissodisfax il-rekwiżiti li tird il-liġi. Għaldaqstant din it-talba qed tiġi miċħuda.

Għaldaqstant għar-raġunijiet espressi f'dan id-digriet, il-Maġistrat Inkwirenti qiegħed jiċħad it-talba tad-denunzjant Dr Jason Azzopardi fir-rikors tiegħu tat-30 ta' Diċembru 2024 sabiex issir aċċess *ai termini* tal-artikolu 546(4A) tal-Kodiċi Kriminali. Jiċħad ukoll it-talba tad-denunzjat Ministru Silvio Schembri sabiex ir-rikors ta' Dr Jason Azzopardi jiġi dikjarat frivolu u vessatorju.

Jordna notifika ta' dan id-digriet lid-denunzjant Dr Jason Azzopardi u lid-denunzjat Ministru Silvio Schembri *ai termini* tal-artikolu 546(4B) tal-Kodiċi Kriminali, li għandhom jumejn ta' xogħol żmien mid-data tan-notifika ta' dan id-digriet sabiex jippreżentaw rikors quddiem il-Qorti Kriminali.

**Antoine Agius Bonnici**
Maġistrat

VERA KOPJA
Dr James Farrugia
Deputat Reġistratur